3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-obbligu tal-fornituri jew tal-bejjiegħa mill-ġdid ta' prodotti kkonċernati mill-ittikkettjar tal-enerġija li jirreferu, fir-reklamar tagħhom, għall-klassi ta' effiċjenza enerġetika u għall-firxa ta' klassijiet ta' effiċjenza enerġetika, huwa, f'dan ir-rigward, għal kollox sospiż sad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati l-ġodda?

(1) ĠU 2017, L 198, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Satversmes tiesa (il-Latvja) fit-12 ta' Diċembru 2022 – 1Dream OÜ, DS, DL, VS, JG vs Latvijas Republikas Saeima**

**(Kawża C-767/22)**

(2023/C 94/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Satversmes tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali:* 1Dream OÜ, DS, DL, VS, JG

*Konvenut:* Latvijas Republikas Saeima.

**Domandi preliminari**

1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha qorti nazzjonali tiddeċiedi dwar il-konfiska ta' oġġetti miksuba illegalment fi proċedura separata relatata ma' tali oġġetti miksuba illegalment, li tiġi sseparata mill-proċedura kriminali prinċipali qabel ma jiġi aċċertat li twettaq reat u qabel ma persuna tiġi ddikjarata ħatja ta' dan ir-reat, u li tipprevedi anki l-konfiska abbażi ta' dokumentazzjoni separata mill-fajl tal-investigazzjoni tal-proċedura kriminali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (1), b'mod partikolari tal-Artikolu 4 tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (2), b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tagħha?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, il-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess għad-dokumentazzjoni dwar l-investigazzjoni fil-proċedura dwar l-oġġetti miksuba illegalment għandha titqies konformi mad-dritt għal proċess ekwu sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42?

3) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kostituzzjonali mibdi kontra leġiżlazzjoni nazzjonali ddikjarata inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, milli tiddikjara li huwa applikabbli l-prinċipju ta' ċertezza legali u li l-effetti ġuridiċi ta' tali leġiżlazzjoni għandhom jinżammu għall-perijodu ta' validità ta' din tal-aħħar?

(1) ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114.
(2) ĠU 2005, L 68, p. 49.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-768/22)**

(2023/C 94/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, P. Caro de Sousa, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi żammet fis-seħħ l-Artikolu 2 tal-Lei n.º 25/2018 de 14 de junho (il-Liġi Nru 25/2018 tal-14 ta' Ġunju 2018) li jżid is-subparagrafu 7 mal-Artikolu 25 tal-Lei n.º 31/2009 de 3 de julho (il-Liġi Nru 31/2009 tat-3 ta' Lulju 2009) fil-verżjoni tagħha skont il-Lei n.º 40/2015 (il-Liġi Nru 40/2015), u li jipprevedi li: "id-detenturi ta' diploma universitarja fl-inġinerija ċivili li għalihom isir riferiment fl-Anness VI tad-Direttiva 2005/36/KE ([1]), tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-20 ta' Novembru 2013, b'taħriġ mibdi fis-snin akkademiċi li għalihom isir riferiment hemmhekk, u li juru li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Decreto n.º 73/73, de 28 de fevereiro (id-Digriet Nru 73/73 tat-28 ta' Frar 1973), kienu ssottomettew, bejn l-1 ta' Novembru 2009 u l-1 ta' Novembru 2017, proġett ta' arkitettura li kien jisthoqqlu approvazzjoni muniċipali, jistgħu jfasslu l-proġetti speċifikament previsti fl-imsemmi digriet, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fih u fl-osservanza tas-sistema legali fis-seħħ għall-attività, fejn madankollu jkunu suġġetti għat-twettiq tal-obbligi stabbiliti f'din il-liġi u, jekk ikun il-każ, għall-konstatazzjoni ta' dan permezz tal-entitajiet amministrattivi kompetenti", ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49(1) tal-Anness VI u l-Artikolu 59(3) tad-Direttiva 2005/36, kif ukoll l-Artikoli 45, 49 u 56 TFUE.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-inġiniera li d-diplomi universitarji tagħhom huma elenkati fl-Anness VI tad-Direttiva 2005/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, kisbu drittijiet biex iwettqu proġetti ta' arkitettura fl-Unjoni Ewropea kollha ("drittijiet miksuba"). L-inġiniera jippossjedu drittijiet miksuba biss jekk jitħarrġu sa mhux iktar tard mis-sena akkademika indikata fl-Anness VI tad-Direttiva.

Fl-2018, ir-Repubblika Portugiża adottat leġiżlazzjoni (il-Liġi Nru 25/2018 tal-14 ta' Ġunju 2018) li llimitat b'mod kunsiderevoli d-drittijiet miksuba minn dawn l-inġiniera, l-aċċess għall-professjoni ta' perit u l-moviment liberu tal-persuni. B'mod partikolari, l-Artikolu 2 ta' din il-liġi:

a. Jillimita d-drittijiet miksuba lill-inġiniera ċivili b'taħriġ mibdi fis-snin akkademiċi li għalihom isir riferiment fid-Direttiva – jiġifieri jeskludi mill-possibbiltà ta' eżerċizzju tat-drittijiet miksuba tagħhom lill-inġiniera ċivili kollha b'taħriġ mibdi fis-snin akkademiċi preċedenti; u

b. Jirrikjedi, b'mod diskriminatorju u mingħajr ebda bażi fid-Direttiva, li, biex jitwettaq proġett ta' arkitettura, inġinier ċivili għandu jkun issottometta, bejn l-1 ta' Novembru 2009 u l-1 ta' Novembru 2017, proġett ta' arkitettura li kien jisthoqqlu approvazzjoni muniċipali. Dan ir-rekwiżit huwa partikolarment diffiċli li jiġi ssodisfatt peress li, mill-2015, il-muniċipalitajiet Portugiżi jiċħdu sistematikament proġetti ta' arkitettura sottomessi minn inġiniera benefiċjarji ta' drittijiet miksuba taħt id-Direttiva 2005/36.

Fl-24 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża. Sussegwentement, intbagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Portugiża fid-29 ta' Frar 2020, li ma ġietx imwieġba mir-Repubblika Portugiża.

([1]) ĠU 2005, L 255, p. 22, rettifiki fil-ĠU 2007, L 271, p. 18, fil-ĠU 2008, L 93, p. 28, u fil-ĠU 2014, L 305, p. 115.

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2022 minn Trebor Robert Bilkiewicz mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-26 ta' Ottubru 2022 fil-Kawża T-273/21 – The Bazooka Companies vs EUIPO**

**(Kawża C-783/22 P)**

(2023/C 94/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Trebor Robert Bilkiewicz (rappreżentant: P. Ratnicki-Kiczka, avukat)